KUNSILL LOKALI QALA

**MINUTI LAQGĦA NUMRU 76**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2023

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum t-Tnejn, 16 ta' Ottubru, 2023, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ivan Cefai – Viċi Sindku

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 76.1 Talba

76.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 76.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

76.2 Il-Viċi Sindku, Ivan Ċefai talab sabiex jiġi skużat u għalhekk inqrat l-ittra ta' apoloġija.

## 76.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru 75

76.3.1 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ talab korrezjoni ta' punt 75.10.1 fejn talab li jiżdiedu żewġ kelmiet fit-tieni sentenza. Kien hemm qbil unanimu u għalhekk saret din il-korrezjoni. Is-Sindku talab sabiex jittiħed vot fuq il-kontro mozzjoni li ressaq hu. Il-Kunsilliera Karl Buttiġieġ u Valerie C Mejlak oġġezzjonaw għaliex qalu li l-vot kien diġà ttieħed u s-Sur Karl Buttiġieġ semma estratt mir-recording tal-laqgħa preċedenti li kien juri dan. Għalhekk ma setax jerġa jittieħed vot dwar dan.

## 76.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

76.4.1 Ir-Rapport ippreparat u moqri mis-Sindku dwar diversi xogħolijiet li twettqu matul dan ix-xahar huwa:

**Update ta' triq 28 t'April -** Triq 28ta' April 1688 inbidlu 3 l-High Tensions cables 11 KV li jissuplixxu lil Qala u partijiet ohra f'ghawdex(Dan kellhom madwar 50 sena) tqeghdu 4 cables godda, low voltage feeders biex b'hekk parti kbira mill Qala ser jkollhom elettriku aktar sigur u stabbli . Inbidel wkoll low voltage feeder. L-apparat li hemm fis-substation li jinkludi high voltage switchgear, transformer, cables u low voltage panel ser jigu upgraded sabiex partijiet mit- toroq fil Qala jkollhom elettriku ferm ahjar u sigur. Fi ftit gimghat ohra ser jinbidel l-panel u t-transformer li hemm fis-substation u ghalhekk id-dawl ser jerga jinqata ghal xi hin. It toroq li ser jigu upgraded huma Triq l-Imgarr sa Gnien il-Familja, Triq 28 ta' April 1688, Triq il- Belveder, Triq Patri Guzepp Portelli, Triq Papa Piju XII, Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg, Pjazza President Anton Buttugieg, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg , Triq it-Tempju, Triq Grunju, Triq Indipendenza, Triq San Frangisk, Triq ir-Rebha, Triq Lord Strickland, Triq Papa Piju IX, Triq San Guzepp, Pjazza San Guzepp u Triq in-Nadur,



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Il-haddiem li kien wegga kien haraq idu issa ilu hmistax li rega beda xoghol mal istess kuntrattur. Regghu sabuni xi nies dwar il livelli u serrahtilhom rashom li zgur mhux ser toghla t-triq Triq 28 ta' April 1688. Fir-rigward tal-concerns li kien hemm minhabba x-xelter gie anke il perit Sultana u accertana li ma hemmx periklu ghax shelter.

Il gbir taz-zibel fit-toroq affetwati minn dan il-progett qed jsir mill-haddiema tal kunsill . It traffic management intlaqa tajjeb u zidna it-tabelli fejn gejna mitlubin inkluz 2 stop signs fi triq ir-rebha.

**Substation ghall area tal Kuncizzjoni -** Wara diversi laqghat sew mal arcipriet u anke mal Ingineer Mizzi tal enemalta u ma raprezentatni tal-isqof intlahaq ftehim mal arcipriet u l kleru sabiex jipprovdu area zghira biex fiha tinbena kamra zghira li isservi ta substation ghall area kollha tal kuncizzjoni. Din ser issir f'parti zghira tal gnien li hemm magenb ic-cimiterju Issa baqa li jsirU il kundizzjonijiet tal ftehim bejn l-enemalta u l-arcipriet f'isem il-parrocca. Ilni ftit nahdem fuq dan il-kaz izda bhall ma tafu l-affarijiet jridu l-hin taghhom. Nixtieq nirringrazzja lil arcipriet u l-kleru li tawni l-appogg taghhom.

**Tindif tal-wied tal-Marga -** Il haddiema tal kunsill kellom bicca xoghol kbira fil wied tal Marga . Dan wara li xi hadd haraq il qasab u dan waqa fil wied Imlejna tlett trukkijiet kbar , kien hemm min kellu l qasab fil propjeta tieghu u harqu hu . Tlesta wkoll hajt li kien ingarr mill wied tul iz zmien mill haddiema tal ministeru ghall Ghawdex .
**Mwejjed fil-gazebos - Din** il-gimgha il haddiema tal ministeru ghall ghawdex wahhlu zewgt imwejjed tal iroko fil-gazebos ta' gnien il-familja . Ahna bhala kunsill ghamilna il-preparamenti biex jkunu jistghu jitwahhlu.

**Reburbishment tat-toilets ta triq 28 t'april -** L-applikazzjoni li ghamilna biex jinbidlu t toilets miexja issa fil laqgha li jmiss tar regjun ser nitkellem dwarha.

**Roundabout ta' patri guzepp Portelli-** Twahhlu l bollards madwar l bust ta patri Guzepp Portelli. Issa jonqos li jitwahhlu l fanali li ilhom ghandna ghall diversi xhur. Qed nistennew wkoll biex il-plakka li hemm tigi mizbugha u ppolixjata mill-gdid

**Submission dwar il-local plan ta' Hondoq -** Ghaddejna e mail bejnietna ta draft li ghamlitilna Dr Bonello Kien hemm qbil ,dwar il-local Plan ta Hondoq biex terga tinbidel minn kif kienet inbidlet fit 2006 u ghalhekk Dr Bonello baghtet s-submission f'isem il-kunsill.

**Awards ta' l-ambjent -** Fil-5 t'Ottubru, saret cerimonja ta' l-awards f'Marsalforn. IL-Qala ircevejna zewg awards fil-kategorija ta' l-ambjent, li kienu ghal:

**Gozo's best Green Environment Leadership of the Year u Gozo Green Ambassador of the Year 2023 -** Diversi kunsilli minn ghawdex ircevew awards differenti. Jiena kburi hafna li ircevejt dawn l-awards f'isem il-kunsill tal-Qala ghax dawn l-awards huma cari li l-organizzaturi



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

apprezzaw il-hidma biex giet salvata l-bajja ta' hondoq.. Ta'min isemmi li l-Qala hadna l-ahhar award tas-serata li kien Gozo Green Ambassador of the year 2023, Kull meta jsiru dawn it-tip ta' serati l-ahhar award dejjem jitqies bhalha l-aqwa award. tas-serata..

**Sigurta ghal-istudenti primarja u sekondarja -** Issa li bdiet l-iskola u ghandna t traffic management gdid sakemm jitlesta x xoghol fi triq 28 t'april. It tfal li jmorru r-Rabat qed jistennew fejn l funtana u qed jidhlu fid dahla li ghandna quddiem l-ghassa. F`dak il-hin l-ufficjal ta Transport Malta jkun qrib taghhom u l-pulizija qed jkun quddiem l-iskola. It tfal tal kuncizzjoni qed jingabru minn mini van u jibqghu sejrin dirett ir-rabat.

**Toqob u Hadid ta' antarjoli -** Dwar it toqob tal antarjoli fit triq 28 ta April u fil pjazza fejn qed jsir il progett nipproponi li t toqghob issirilhom tappiera tal Hadid u anke nhallsu ghall dan ix-xoghol flimkien mall-kanni li jridu jsiru gos siment ghall palandri etc. Taqblu ma dan? Ilkoll qablu li dan jsir

**Programm ta' l-oasi u caritas -** Ircivejt talba mill OASI biex naghtu support li kampanja li qeghdin jaghmlu L-għan ta' dan il-proġett huwa li joħloq kuxjenza u teduka lill-komunità sabiex jitnaqqas l-użu ta' alkoħol, tabakk u possibbilment prodotti tal-kannabis fost l-adolexxenti. Mhux ser nigu mitluba flus. wara diskussjoni sar qbil dwar dan

**Presepju -** MGOZ offrewlna presepju ghal-Milied. Iridulna nghidulhom fejn ser inpogguh. Irridu nsibu post fejn nerfugh ghal sena ohra.

**Attivitajjiet tal Milied -** Diga bdejna nahsbu biex inhejju programm ghal-Milied. Irrdiu niddeciedu lil min ser naghtu gieh il-Qala u data tac-cerimonja

**Fondi-** Akkwistajna fondi ghal-milied flimkien, 13,500 ewro mid-dipartiment tal-kunsilli lokali u 2500 mill-ministeru ghal ghawdex. Akkwistajna 700 ewro ghal-chrismtas market mill-ministeru ghal-ghawdex.

**CCTV cameras -** l-application li konna ghamilna ghal-cameras madwar il-Qala gew approvati u inghatajna s-somma ta' 10 elef u 3 mitt ewro. Bhalissa qeghdin naraw xi spejjez ser jinvolvi biex dawn jkunu jistghu joperaw fejn jirrigwardja s-supply tad-dawl u ta' l-internet.

**Salib tal-kuncizzjoni -** Bhal ma tafu zmien twil ilu konna applikajna biex isir traffic management bejn triq il-kucizzjoni u triq is-salib fl-inhawi tal-kuncizzjoni ghax kien ikun hemm hafna sewwieqa jinfixlu kif ghandhom jghaddu. Il process miexi.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 76.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

### 76.5.1 Mill-Kunsillier Joseph Buttiġieġ

a. Talba sabiex jerġgħu jinżebhu s-sinjali tat-traffiku

b. Tah update dwar l-iskema Explore u x'se tkun tinvolvi. Huwa nforma lill-kamra sabiex jagħtu suġġerimenti dwar positijiet li jixtiequ jinkludu.

### 76.5.2 Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ

a. Semma li d-dog park qed ikun magħluq fil-weekends. Is-Sindku nfurmah li diġà kiteb lid-Direttur Eko Gozo dwar dan.

b. Ressaq it-talba sabiex fil-Latrina tal-Pjazza jsiru partitions bejn il-bowls. Kien hemm qbil unanimu sabiex dawn isiru.

c. Talab update dwar iz-Zebra Crossing. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li talbet lil Perit sabiex jipprovdi stima li tkopri l-ispejjeż għaż-Żebra Crossing waħedha.

d. Staqsa għaliex l-istqarrija ma kinitx ġietx ippublikata kif kien ġie approvat fil-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li l-istqarrija hija lesta u kif hu etiku għaddieta lis-Sindku qabel ma din tiġi ppublikata. Is-Sindku żied jgħid li hu jrid jaqra l-Kontro Mozzjoni tiegħu peress li ma kienx tħalla jaqrha fil-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-kamra li s-Sindku għandu jingħata l-ħin biex jaqra l-kontro mozzjoni tiegħu mingħajr interruzzjonijiet. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ wieġeb li ma hemmx problema li jagħmilha bħala dikjarazzjoni però fil-liġi l-Kontro Mozzjoni ma teżistix kif ukoll li l-istess Kontro Mozzjoni ma kinitx fuq l-aġenda. Is-Sindku qara l-Kontro Mozzjoni tiegħu li hu pprepara fir-rigward ta' Mozzjoni numru 01/2023 li kien ippropona l-Kunsillier Karl Buttiġieġ u kien sekondat mill-Kunsilliera Valerie C. Mejlak.

Is-Sindku kompla jaqra u l-Kunsillier Karl Buttiġieġ fakkru li dak li qed jaqra ma kienx ġie approvat mill-Kunsill u għalhekk talab sabiex l-istqarrija tiġi ppublikata fi żmien ġimgħa mill-ġurnata ta' din il-laqgħa.

e. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qara l-imejls li kien irċieva mingħand s-Sur Martin Vella wara li hu kien talab kjarifika dwar il-Green Awards u kien hemm diskussjoni dwar dan minħabba l-fatt li l-Kunsilliera ma ġewx infurmati mis-Sindku dwar l-istedina. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi ħadd ieħor li kien ħadem daqsu. Il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ staqsih għaliex ma nfurmax lill-Kunsilliera l-oħra. Is-Sindku stqarr li ma kienx jaf li l-Kunsill se jirbaħ l-awards però l-Kunsillier Joseph Buttiġieġ qal li irrispettivament minn dan, l-membri kellhom ikunu mgħarrfa. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalet li l-affarijiet mhux isiru sew bħas-safra ta' Ċipru fejn is-Sindku kien talab li jiġi mistieden hu biss.

### 76.5.3 Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

a. Fakkret dwar il-mawra organizzata mill-Kunsill lejn ic-Chocolate Festival fil-Hamrun. Kien hemm qbil li l-biljetti jinbiegħu mill-kunsill għal madwar €2.

b. Staqsiet dwar il-garbage post li kellu jitwaħħal fi Trejqa ta' Hatar. Fakkret li għadda xahar u għada ma saritx. Is-Sindku nfurmha li ordnha mingħand il-ħaddid u se titwaħħal.

c. Staqsiet għaliex għadu ma sarx il-patching bic-cement li kellu jsir quddiem residenza fi Triq il-Wardija. Is-Sindku nfurmha li l-ħaddiema marru biex jagħmluha però r-resident ma ħallihomx jagħmluha. Hu spjega li hemm bżonn isir xogħol bi scarifier għaliex jekk issir biss bis-cement se tinqasam. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak talbet li tiġi nfurmata meta tkun se ssir biex tkun tista tmur mal-ħaddiema.

d. Semmiet li hemm bank miksur fuq il-Belveder u għandu bżonn jinbidel. Semmiet ukoll li meta tpoġġiet l-iscreen tal-Kultura, sar xi ħsara fuq iz-zuntier u din il-ħsara għandha titranġa.

e. Irrimarkat li s-Sindku qed jgħid li x-xogħol ta' triq ma bediex fis-Sajf għaliex waqfitu Valerie meta filfatt din kienet deċiżjoni li qabel magħha l-kunsill kollu.

f. Fakkret li ilha snin li pproponiet li jsiru l-bankijiet u l-pots fuq il-Belveder fi Triq il-Barbaġan u baqgħu ma sarux. Is-Sindku nfurmha li l-Kunsill għandu nuqqas kbir ta' ħaddiema. Irreferit ukoll għal bozo fi Triq Sant Antnin u l-fanali li wkoll għadhom ma sarux. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li l-kuntrattur qed jistenna li jaslu l-isolators sabiex jkun jista jsir dan ix-xogħol.

Ġ. Fakkret li l-Kunsill għandu jiġi nfurmat meta tkun se tinżamm il-laqgħa mall-Comunity Police.

h. Staqsiet dwar xi pressjoni qed isir mill-Kunsill lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex isiru jew jitkomplew it-toroq – Triq l-Imgarr, Triq Papa Piu, Triq il-Wardija, Triq Taċ-Ċawl, Triq il-Mitħna u Triq Patri Ġużepp Portelli. Is-Sindku nfurma lill-kamra li lill-Ministru qed ifakkru sikwit. Staqsiet ukoll dwar xi pressjoni qed issir sabiex jitneħħew dawn il-blokok li ilhom hemm tlett snin. Is-Sindku rrimarka li nerġgħu niktbu lill-MGOZ dwar dan.

i. Staqsiet jekk f'dan l-aħħar sena l-Kunsill irċeviex flus bħala donazzjoni mingħand l-organizzaturi tal-Love Island. Is-Sindku wieġeb li ma jafx li rċieva u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċekja.

j. Talbet sabiex jiġi ppreżentat fil-kamra l-Logbook tat-trukk tal-Kunsill, hekk kif hu mitlub li jsir fil-PSMC. Is-Sindku wieġeb li ma għandux logbook u li ma jidhirlux li l-Agent Segretarju Eżekuttiv qatt qallu biex jagħmel wieħed.

## 76.6 Ħruġ/Għoti ta' Offerti u Kuntratti eżistenti



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

76.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li:

- l-offerti għal Sweeping b'referenza QLLC 06/2023 ser tagħlaq għada 17ta' Ottubru 23.

- l-offerti għal servizz ta' Bulky refuse collection QLLC 08/2023 kif ukoll l-offerti għall-akwist ta' fanali għall-Pjazza QLLC 05/2023 ser jagħlqu fis-7ta' Novembru 2023.

- s-sejħa għall-offerti ta' Open Skip ġiet ikkanċellata sabiex tiġi diskussa. Is-Seg Eżekuttiv spjegat lill-kamra li minn Jannar 24, t-tipping fee se terġa togħla b'€20 kull tunnellata u jibqa jiżdied għas-snin li ġejjin. Dan se jwassal li l-ispiża li l-Kunsill se jkun qed jikkommetti ruħhu għalija a bażi ta 5 skips fil-ġimgħa hija ta' madwar €30,000 fis-sena 2024 li tibqa tiżdied konsegwentament fi snin ta' wara sabiex tirrifletti ż-żieda fl-ispiża tat-tipping fees. Is-Seg Eżekuttiv spjegat li l-allokazzjoni finanzjarja li l-Kunsill jirċievi għal Waste tipping fees tkopri biss l-ispiza ta' tipping fees relatata mall-ġbir ta' skart domestiku u għalhekk il-Kunsill żgur li ma jistax jħallas din l-ispiża. Is-Seg Eżekuttiv irreferit ukoll għall-imejl mibgħuta mid-Direttur Ġenerali datata 10 ta' Jannar 2023 li tgħid:

**'Inizzjattivi minn Kunsilli Lokali relatati mal-ġbir tal-iskart**

Kif tafu ir-responsabbiltà tal-immaniġġjar tal-iskart, li sal-2022 kienet responsabbiltà tal-kunsilli lokali, b'effett mit-2 ta' Jannar 2023 din bdiet tiġi eżerċitata mill-Kunsilli Reġjonali abbażi tal-Artikolu 37B tal-Att dwar Gvern Lokali.

Għaldaqstant l-ebda kunsill lokali ma jista' jieħu xi inizzjattiva relatata ma' dan il-qasam, inklużi servizzi addizzjonali jew servizzi barra mill-iskeda nazzjonali. Jekk jirriżulta li xi kunsill qed jonfoq flus f'dawn l-inizzjattivi dan jitqies bħala nfiq bi ksur tal-liġi tal-kunsilli lokali u jkunu suġġetti għal passi skont il-liġi.

Kopja ta' din l-imejl qed tiġi hawn annessa, indikata bħala Annex 1.

Fid-dawl ta' dan il-Kunsill qabel unanimament li minkejja li kien servizz utli ħafna, dan is-servizz għandu jieqaf fi żmien ġimgħa sabiex r-residenti jilħqu jkunu avżati b'avviż li jiġi ppublikat fuq il-paġna tal-Kunsill kif ukoll fil-Bullettin. Is-Servizz tal-bulky refuse jibqa jsir b'mod normali.

## 76.7 Skemi

76.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li:

- L-applikazzjoni tal-Kunsill taħt l-iskema SPI/SCI/4/2023 – Skema ta' Finanzjament u komunitajiet aktar siguri u organizzati ġiet milqugħa. Il-Kunsill ingħata l-ammont ta' €10,311.01 sabiex isir il-proġett ta' CCTV's fit-toroq tal-Qala. Hemm bżonn li qabel tinħareġ is-sejħa għall-offerti naraw li kull post indikat għall-camera jkollu possibilta' ta' linja tal-internet u tad-dawl, kif ukoll fejn hemm bżonn nġibu l-permessi meħtieġa mingħand ir-residenti.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- L-applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/01/2023 – Skema għal Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 sabiex issir attività tal-Milied bl-isem Milied Flimkien ġiet milqugħa u din l-attivita ser tittella fit-2 ta' Diċembru 23.

- L-applikazzjonijiet tal-Kunsill għall-attivitajiet marbutin mal-Milied relatati mal-Events in Gozo ġew milqugħa u ser ningħataw €2500 għall-attivita' Milied Flimkien kif ukoll €700 għall-Christmas Market li se jsir mill-1 sat-3 ta' Diċembru 23.

## 76.8 Proposta Skema Tech MT

76.8.1 Id-DLG se jkunu qed jipprovdu linja gwida dwar dan.

## 76.9 Ħaddiema għal xogħolijiet manwali

76.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li bħalissa l-Kunsill jinsab b'nuqqas kbir ta' ħaddiema u l-lista ta' xogħol li huwa bżonnjuż li jsir qeda dejjem titwal. Hemm bżonn urġenti li tinstab soluzzjoni sabiex ix-xogħol ta' tindif u tiżbiħ fil-lokalita' jkompli għaddej.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ittra datata 3ta' Ottubru 2023 li ntbagħtet lill-Ministeru Għal Għawdex fejn il-Kunsill talab għal għajnuna ta' riżorsa umana, pero' ma rċivejniex tweġiba.

Ġie spjegat ukoll is-sitwazzjoni ta' Locality Assistant li dan kien jwettaq ftit sigħat xogħol kuljum. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li dan kien ġie ingaġġat biex jaħdem dawn is-sigħat wara sejħa għall-offerti li kienet ħarġet fil-25ta' Jannar 2022. Jirriżulta' li kuntratt ma kienx ġie ffirmat bejn il-partijiet u l-istess sejħa kienet ħarġet għal terminu ta' sena. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li dan is-servizz ġie mwaqqaf u rrakkomandat li minflok ma terġa toħroġ sejħa oħra għall-istess servizz ikun aħjar jekk il-Kunsill jitlob il-permess mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex joħroġ sejħa għal Handyman fuq bażi part-time. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li s-salarju marbut ma' dan l-impjieg huwa dak fil-livell ta' Skala 18, li llum huwa ta' €13,620.47 fis-sena fuq bażi full time. Il-Kunsill għandu l-fondi sabiex iħallas is-salarju ta' dan l-impjieg.

Kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jibda l-proċess għall-impjieg ta' Handy Man fuq bażi part-time.

## 76.10 Ġieħ il-Qala

76.10.1 Wara li l-Kunsill ħareġ l-applikazzjonijiet, irċivejna sitt nomini għal dan il-Ġieħ. L-Envelopes ssiġillati ġew ippreżentati u nfetħu fil-preżenza ta' kulħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat in-nomini kollha. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ ippropona li l-Kunsill jibda



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

jagħti wkoll 2 premji ġodda u dawn huma, Premju Hidmet iż-Żgħażagħ u Premju Hidma Soċjali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Fuq proposta tal-Kunsilliera Karl Buttigieg u Valerie C Mejlak, il-Kunsill qabel unanimament li din is-sena Premju Ġieħ il-Qala għandu jingħata lil tlett persuni li huma Carmel Portelli, Ursula Theuma u Carmel Grima. Fuq proposta tal-istess imsemmija kunsilliera kien hemm qbil unanimu wkoll li Premju Hidmet Soċjali jingħata lill Mrs. Effie Brown filwaqt li l-Kunsill joħroġ l-applikazzjonijiet għan-nomini ta' Hidmet iż-Żgħażagħ.

Kien hemm qbil ukoll sabiex l-attivita' ta' Jum il-Lokalita u Ġieh il-Qala tittella l-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2023 u sabiex nitolbu kwotazzjoni għas-servizz ta' Jacob Portelli.

## 76.11 Korrispondenza, Materja Amministrattiva, Imenti u Suġġerimenti

76.11.1 Feral Pigeon Population Control Proposal. Il-proposta li rċivejna mingħand The Exterminator hija sistema li tinkludi l-kiri tal-bird feeders, l-contraceptive feed u l-maintenance tas-sistema. Il-kwotazzjoni offruta hija dik ta' €200 fix-xahar għal kull sistema. Peress li l-kwotazzjoni hija għolja kien hemm qbil li għalissa ma ssirx. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qablet li din is-sistema ssir minhabba l-problema kbira tal-ħamiem.

76.11.2 Korrispondenza mingħand l-GRDA dwar proġett iffinanzjat mill-EIT Climate-KIC fejn il-Kunsilli huma mħeġġa jissottometu proġetti relatati ma *sustainable urban mobility.* Il-Kunsill issottometta l-proposta tiegħu għall-akkwist ta' Community Van Elettrika.

76.11.3 Korrispondenza mingħand *National Literacy Agency* dwar espressjoni ta' nteress għal libreriji fi spazji miftuħa. Il-Kunsill li għandu japplika.

76.11.4 Korsijiet offruti mil-LCA li hija membru ta' ALL Digital Network. L-applikazzjonijiet huma miftuħa sas-16ta' Ottubru 2023.

76.11.5 Fit-3 ta' Novembru se ssir żjara mtella mill-Kunsill Lokali taz-Zebbuġ Malta fejn residenti ta' Zebbuġ se jżuru l-lokalita' tal-Qala. Għamlu kuntatt mar-Rev. Arċipriet u wara li jattendu għal quddies se jkun qed idawwarhom mar-raħal tal-Qala.

76.11.6 Planning Authority Notice – Review of the Cemeteries Policu and Design Guidance. Wara konsultazzjoni li saret f' Marzu 2023 il-PA qed tressq l-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

emendi għal Crematoria policy. Sottomissjonijiet jiġu milqugħa sas-6 ta' Novembru 2023.

76.11.7 Komunikazzjoni li saret ma Maltapost dwar il-possibilita' sabiex temporanjament titpoġġa letterbox oħra f'tarf tat-Triq 28th April 1688 minħabba x-xogħol li għaddej fl-istess triq. Il-Prezz huwa ta' €250 plus VAT. Kien hemm qbil li din ma ssirx minħabba li sa issa jidher li ma hemmx problemi biex tintuża dik li hemm.

76.11.8 Fit-3ta' Ottubru 2023, il-Kunsill ressaq talba lil Hon Ministru Għal Għawdex sabiex il-Kunsill tal-Qala jingħata l-għajnuna ta' riżorsa umana bħal ma hemm f'kunsilli oħrajn.

76.11.9 Il-Kunsill irċieva talba għal double yellow lines ħdejn residenza fi Triq it-Tempju kif ukoll talba għal disabled parking quddiem propjetà Sun Valley, Triq il-Wileġ, Qala. Din it-talba għandha ssir lil TM.

76.11.10 Ġie mġedded il-Kuntratt li l-Kunsill għandu mal-Lands Department għal-kiri -Site Triq l-Imġarr, id-Daħla ta' Grunju (Ġnien il-Familja) kif ukoll l-Kuntratt ta' Fortizza ta' Sant Antnin.

76.11.11 Korrispondenza mill-PA dwar sottomissjoni li rċeviet dwar il-bajja ta' Hondoq.

76.11.12 Il-Kunsill ikkonferma l-bord tal-evalwazzjoni għall-interviews sabiex tintela l-vakanza ta' Assistant Principal. L-Bord huwa kompost mill-Avukat Dr. Jonathon Mintoff, l-Accountant, s-Sur John Buttiġieġ kif ukoll mis-Sindku.

76.11.13 Persuna avviċinat il-Kunsill sabiex tipprovdi kors tal-Pilates. Kien hemm qbil li għas-sena d-dieħla 2024, jsir programm sħiħ ta' korsijiet li jkunu se jsiru matul is-sena. L-għalliema jkollhom remunerazzjoni kollha l-istess.

76.11.14 Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-ħlasijiet ta' overtime li qed isiru lill-ħaddiema tal-CWS, liema ammont huwa ta' €171 għal kull ġurnata overtime. Għalkemm il-Kunsill japprezza ferm ix-xogħol tal-ħaddiema, ma jistax ikun li jitħallsu dawn l-ammonti meta l-ħaddiem jieħu biss parti minn dan il-ħlas.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| 76.11.15 | Saret referenza għall-Kontijiet tad-dawl u l-ilma – Gnien il-Familja Nov21-Awwissu 23 - €3,140.42 fejn bejn it- 08.06.23-08.08.23 nħela b' €1,025.36 (472m3) ta' ilma. Is-Sindku stqarr li kien hemm ftehim mall-MGOZ sabiex iħallsu għall-ilma. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-kamra li fl-10 ta' Ottubru 23 kitbet lid-Direttur Eco Gozo u talbet għar-rifuzzjoni ta' l-ispejjeż li għal perjodu ta' bejn Nov 21 u Awwissu 23, liema ammont tela għal €3,140.42. |
| 76.11.16 | Is-Seg. Eżekuttiv nfurmat lill-kamra li fl-20 ta' Ottubru il-Kunsill se jkun qed jagħti t-tilqim ta' kontra l-influwenza lir-residenti li nkittbu. |
| 76.11.17 | Illum, fil-preżenza tas-Sindku u l-Kunsilliera ġew iffirmati l-kuntratti għat-tlett e-bikes li ingħataw lil tlett żgħażagħ li applikaw u li kienu eliġibbli għalihom. |
| 76.11.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' obsolete items (għamara) li tneħħiet mil-Librerija tal-Kunsill minħabba li spiċċat u l-injam intefaħ. Din se tiġi mibdula b'għamara ġdida bħala parti mir-refurbishment li għaddej fil-librerija. Il-Lista flimkien mar-ritratti ta' obsolete items ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u s-Seg Ezekuttiv fl-istess laqgħa. Kopja tad-dokument qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Annex 2.' |
| 76.11.19 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li pagamenti li tħallsu fit-13/10/21 għal xogħol ta' resurfacing li sar fi Triq il-Kuncizzjoni huwa ta' € 212,270.02. Il-Kunsill irċieva kontijiet oħra relatati mat-triq li jammontaw għal €425,771.58 li għadhom iridu jiġu ċċertifikati mill-Perit u għalhekk baqa bilanċ ta' madwar €213,601.56. Wara li dawn jiġu ċċertifikati mill-Perit, trid issir talba lid-Dipartiment tal-Gvern lokali għall-varjazzjonijiet. |
| 76.11.20 | Kwotazzjonijiet:<br><br>a) Intalbu u nġabbru l-kwotazzjonijiet għal kostruzzjoni tat-tarag ta' quddiem il-Kunsill. Irċivejna tlett kwotazzjonijiet:<br>1- €3,190.65 excl VAT<br>2- €3,305.09 excl VAT<br>3- €3,248.81 excl VAT<br>Kien hemm qbil unanimu sabiex tintgħażel l-aktar offerta vantaġġjuża, dik ta' €3,190.65. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li l-Perita Xuereb se tapplika għal DNO. |
| 76.11.21 | Ġew referuti PA/05962/23 and PA/05899/23 minħabba li jinsabu f' ODZ. |



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

76.11.22 Imejl mill-Ministeru Għal Għawdex dwar Presepju li se jiġi nstallat fil-Qala. Kien hemm qbil li nipprovdu l-konnessjoni tad-dawl u li wara li jiżżarma jinġabar fi propjetà tal-kunsill.

76.11.23 Kien hemm qbil sabiex id-dwal tal-Milied jinxtgħelu fl-1 ta' Diċembru 23.

76.11.24 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni minn Superintendence of Cultural Heritage re PA/08645/21 ma joġġezzjonawx għall-izvilupp propost - *'provided that restoration conditions enlisted are followed, together with a bank guarantee of €2,300 for the dismantling, shifting and restoration of the Cross munument'.*

76.11.25 Imejl mingħand Eliżabeth Ebejer, Chief Operation Officer tal-Malta Libraries fejn ġejna nfurmati li se jibda l-proċess tal-weeding tal-kotba tal-librerija.

76.11.26 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li l-Perit jissuġġerixxi li jitqabbad Arkeoloġista sabiex isir studju kif ukoll moniteraġġ tax-xelter li jinsab fil-Pjazza. Il-Perit flimkien mal-kuntrattur u l-Arkeoloġista jistgħu jiltaqgħu fuq il-post għada stess. Kien hemm qbil li dan isir.

76.11.27 Korrispondenza mingħand s-Sur Martin Vella mill-Green Awards li nqrat mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ. Is-Sur Vella nfurma lill-Kunsill li l-Awards li ġabar is-Sindku ma kienux awards individwali imma awards kollettivi li ngħataw lill-Kunsill Lokali tal-Qala.

## 76.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

76.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 10/2023 għal perjodu ta' bejn il-21 ta' Settembru 2023 u s-16ta' Ottubru 2023 li tammonta għal €32,027.77. Ma kienx hemm qbil sabiex jitħallas il-kont ta' l-Avukatessa Dr. Claire Bonello minħabba li l-Kunsilliera Karl Buttigieg u Valerie Cassar Mejlak qalu li s-servizz ta l-istess avukata ma kienx ġie approvat mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkanċellat il-pagament u l-kumplament tal-iskeda ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata u approvata kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2023.

## 76.13 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

76.13.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-20.00pm. Ma kienx hemm qbil fuq *tentative date* għal-laqgħa li jmiss u għalhekk id-data u l-aġenda se tiġi kkomunikata aktar il-quddiem.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

'Annex R'

**Nicky Saliba**
Uffiċjal Ambjentali
Kunsill Reġjonali Għawdex

t: + 356 21569637
e: nicky.saliba.1@gov.mt

regjunghawdex.com
regjun-ghawdex.dlg@gov.mt

The Duke Business Centre,
Triq l-Għaxra ta' Ġunju 1887,
Rabat, Għawdex, Malta

facebook - instagram - linkedin

| *Jekk jogħġbok ikkunsidra r-responsabbiltà ambjentali tiegħek qabel tipprintja din l-email*

**From:** Sammut Maria A at Local Government Division <maria.a.sammut@gov.mt> **On Behalf Of** Info at Local Government Division
**Sent:** Tuesday, 10 January 2023 10:17
**To:** Attard Local Council at Attard Local Council <attard.lc@gov.mt>; Balzan Local Council at Balzan Local Council <balzan.lc@gov.mt>; Birgu Local Council at Birgu Local Council <birgu.lc@gov.mt>; Birkirkara Local Council at Local Councils <birkirkara.lc@gov.mt>; Birzebbuga Local Council at Birzebbuga Local Council <birzebbuga.lc@gov.mt>; Bormla Local Council at Bormla Local Council <bormla.lc@gov.mt>; Dingli Local Council at Dingli Local Council <dingli.lc@gov.mt>; Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>; Floriana Local Council at Floriana Local Council <floriana.lc@gov.mt>; Fontana Local Council at Fontana Local Council <fontana.lc@gov.mt>; Ghajnsielem Local Council at Ghajnsielem Local Council <ghajnsielem.lc@gov.mt>; Gharb Local Council at Gharb Local Council <gharb.lc@gov.mt>; Gharghur Local Council at Gharghur Local Council <gharghur.lc@gov.mt>; Ghasri Local Council at Ghasri Local Council <ghasri.lc@gov.mt>; Ghaxaq Local Council at Ghaxaq Local Council <ghaxaq.lc@gov.mt>; Gudja Local Council at Gudja Local Council <gudja.lc@gov.mt>; Gzira Local Council at Gzira Local Council <gzira.lc@gov.mt>; Hamrun Local Council at Hamrun Local Council <hamrun.lc@gov.mt>; Iklin Local Council at Iklin Local Council <iklin.lc@gov.mt>; Isla Local Council at Isla Local Council <isla.lc@gov.mt>; Kalkara Local Council at Kalkara Local Council <kalkara.lc@gov.mt>; Kercem Local Council at Kercem Local Council <kercem.lc@gov.mt>; Kirkop Local Council at Kirkop Local Council <kirkop.lc@gov.mt>; Lija Local Council at Lija Local Council <lija.lc@gov.mt>; Luqa Local Council at Luqa Local Council <luqa.lc@gov.mt>; Marsa Local Council at Marsa Local Council <marsa.lc@gov.mt>; Marsaskala Local Council at Marsaskala Local Council <marsaskala.lc@gov.mt>; Marsaxlokk Local Council at Marsaxlokk Local Council <marsaxlokk.lc@gov.mt>; Mdina Local Council at Mdina Local Council <mdina.lc@gov.mt>; Mellieha Local Council at Mellieha Local Council <mellieha.lc@gov.mt>; Mgarr Local Council at Mgarr Local Council <mgarr.lc@gov.mt>; Mosta Local Council at Mosta Local Council <mosta.lc@gov.mt>; Mqabba Local Council at Mqabba Local Council <mqabba.lc@gov.mt>; Msida Local Council at Msida Local Council <msida.lc@gov.mt>; Mtarfa Local Council at Mtarfa Local Council <mtarfa.lc@gov.mt>; Munxar Local Council at Munxar Local Council <munxar.lc@gov.mt>; Nadur Local Council at Nadur Local Council <nadur.lc@gov.mt>; Naxxar Local Council at Naxxar Local Council <naxxar.lc@gov.mt>; Paola Local Council at Paola Local Council <paola.lc@gov.mt>; Pembroke Local Council at Pembroke Local Council <pembroke.lc@gov.mt>; Pieta Local Council at Pieta' Local Council <pieta.lc@gov.mt>; Qala Local Council at Qala Local Council <qala.lc@gov.mt>; Qormi Local Council at Qormi Local Council <qormi.lc@gov.mt>; Qrendi Local Council at Qrendi Local Council <qrendi.lc@gov.mt>; Rabat Gozo Local Council at Victoria Local Council <rabat.gozo.lc@gov.mt>; Rabat Malta Local Council at Rabat Malta Local Council <rabat.malta.lc@gov.mt>; Safi Local Council at Safi Local Council <safi.lc@gov.mt>; San Giljan Local Council at San Giljan Local Council <sangiljan.lc@gov.mt>; San Gwann Local Council at San Gwann Local Council <sangwann.lc@gov.mt>; San Lawrenz Local Council at San Lawrenz Local Council <sanlawrenz.lc@gov.mt>; San Pawl il-Bahar LC at San Pawl il-Bahar Local Council <sanpawlil-bahar.lc@gov.mt>; Sannat Local Council at Sannat Local Council <sannat.lc@gov.mt>; Santa Lucija Local Council at Santa Lucija Local Council <santalucija.lc@gov.mt>; Santa Venera Local Council at Santa Venera Local Council <santavenera.lc@gov.mt>; Siggiewi Local Council at Siggiewi Local Council <siggiewi.lc@gov.mt>; Sliema Local Council at Sliema Local Council <sliema.lc@gov.mt>; Swieqi Local Council at Swieqi Local Council <swieqi.lc@gov.mt>; Ta Xbiex Local Council at Ta' Xbiex Local Council <taxbiex.lc@gov.mt>; Tarxien Local Council at Tarxien Local Council <tarxien.lc@gov.mt>; Valletta Local Council at Valletta Local Council <valletta.lc@gov.mt>; Xaghra Local Council at Xaghra Local Council <xaghra.lc@gov.mt>; Xewkija Local Council at Xewkija Local Council

'Annex 2'

<xewkija.lc@gov.mt>; Xghajra Local Council at Xghajra Local Council <xghajra.lc@gov.mt>; Zabbar Local Council at Zabbar Local Council <zabbar.lc@gov.mt>; Zebbug Gozo Local Council at Zebbug Gozo Local Council <zebbug.gozo.lc@gov.mt>; Zebbug Malta Local Council at Zebbug Malta Local Council <zebbug.malta.lc@gov.mt>; Zejtun Local Council at Zejtun Local Council <zejtun.lc@gov.mt>; Zurrieq Local Council at Zurrieq Local Council <zurrieq.lc@gov.mt>
**Subject:** L-immaniġġjar tal-iskart
**Importance:** High

Sindki u Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**Inizzjattivi minn Kunsilli Lokali relatati mal-ġbir tal-iskart**

Kif tafu ir-responsabbiltà tal-immaniġġjar tal-iskart, li sal-2022 kienet responsabbiltà tal-kunsilli lokali, b'effett mit-2 ta' Jannar 2023 din bdiet tiġi eżerċitata mill-Kunsilli Reġjonali abbażi tal-Artikolu 37B tal-Att dwar Gvern Lokali.

Għaldaqstant l-ebda kunsill lokali ma jista' jieħu xi inizzjattiva relatata ma' dan il-qasam, inklużi servizzi addizzjonali jew servizzi barra mill-iskeda nazzjonali. Jekk jirriżulta li xi kunsill qed jonfoq flus f'dawn l-inizzjattivi dan jitqies bħala nfiq bi ksur tal-liġi tal-kunsilli lokali u jkunu suġġetti għal passi skont il-liġi.

Tislijiet
Natalino Attard
Direttur Ġenerali, Gvern Lokali

Maria Sammut
Senior Clerk - Customer Care
Monitoring and Support
Local Government Division

t +356 20908633 e maria.a.sammut@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE,
THE ARTS & LOCAL GOVERNMENT

26, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA, MALTA

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

'Annex B'

LIST OF INVENTORY ITEMS TO BE DISCARDED

| REF | ITEMS |
|---|---|
| | 1 Wooden School Desk |
| | 2 Wooden computer desks |
| | 1 wooden shelving unit 4ft X 1.5 ft |
| | 19 Bookshelves 6ft X 4ft X 1ft |
| | 6 small wooden benches |
| | 3 small wooden tables |
| | 1 wooden desk |
| | 2 small chairs |
| | 1 computer chair |
| | |
| | |

SIGNED

Paul Buttigieg – Mayor

Heidi Grech – Exec. Sec.

APPROVED DURING MEETING NO: 76/2023

16TH OCTOBER, 2023





















